

III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 ta' Ġunju 2011

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank

(BĊE/2011/7)

(2011/C 174/04)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali huma verifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Skont Artikolu 37(1) tal-Liġi Federali dwar l-Oesterreichische Nationalbank, ta' kull sena l-Laqgħa Ġenerali tal-Oesterreichische Nationalbank teleġġi żewġ awdituri esterni u żewġ awdituri esterni alternattivi. L-awdituri esterni alternattivi jingħataw il-mandat biss f'każ li l-awdituri esterni ma jkunux jistgħu jwettqu l-verifika.
- (3) Il-mandat kemm tal-awdituri esterni kif ukoll tal-awdituri esterni alternattivi tal-Oesterreichische Nationalbank intemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2010. Huwa għalhekk neċċessarju li jinħatru awdituri esterni sa mis-sena finanzjarja 2011.
- (4) L-Oesterreichische Nationalbank għażel għas-sena finanzjarja 2011 lil TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH u Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. bħala l-awdituri esterni konġunti ġodda tiegħu, kif ukoll lil KPMG Austria GmbH Wirtschaftsprüfungs- und Steuerberatungsgesellschaft u Deloitte Audit Wirtschafts-

prüfungs GmbH bħala l-awdituri esterni konġunti alternattivi ġodda tiegħu.

- (5) Il-mandat tal-awdituri esterni jista' jiġġedded fuq bażi annwali, li ma jeċċedix terminu totali ta' ħames snin u l-mandat tal-awdituri esterni alternattivi jista' jiġġedded darba biss.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Huwa rrakkomandat illi TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH u Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. jinħatru konġuntament bħala l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank għas-sena finanzjarja 2011.
2. Huwa rrakkomandat illi TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH u Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. jinħatru konġuntament bħala l-awdituri esterni alternattivi tal-Oesterreichische Nationalbank għas-sena finanzjarja 2011.
3. Il-mandat tal-awdituri esterni jista' jiġġedded fuq bażi annwali, li ma jeċċedix terminu totali ta' ħames snin, u li jintemm sa mhux aktar tard mis-sena finanzjarja 2015. Il-mandat tal-awdituri esterni alternattivi jista' jiġġedded darba biss u jintemm bis-sena finanzjarja 2012.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-9 ta' Ġunju 2011.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET